MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2009

Numru. 225/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Marco Attard**
**Omissis**

Kumpilazzjoni Nru: 225/2009

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Marco Attard ta' 36 sena, iben John u Salvina nee' Falzon , imwieled Pieta', fl-10 ta' Lulju, 1965 u joqghod fil-fond numru 14, Triq is-Sillar, Santa Venera u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 340065(M).

u

Omissis

Akkuzati talli fit-13 ta' Lulju, 2001 u fil-gimghat precedenti f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi halqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsin falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsin minn obbligi f'dawk l-atti, jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikkjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u aktar talli xjentement ghamlu uzu mill-imsemmi dokument. U dan bi ksur ta' l-artikoli 18, 183, u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess cirkustanzi sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz, u dan bi ksur ta' Artikolu 188 u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Lill-Marco Attard wahdu:

Talli fl-istess cirkustanzi halef falz quddiem ufficcjal li ghandu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament bi ksur ta' l-Artikolu 108 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Kif ukoll sar recidiv ghat-termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie ikkundannat b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati.

Kif ukoll kiser il-kundizzjonijiet ta' probation ghat-termini ta' l-Artikolu 9 tal-Kap 152, imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fid-9 ta' Novembru, 1999.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hejkk trattat.

Rat l-artikoli 18, 49, 50, 109, 183, 184, 188 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-artikolu 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum 30 ta’ Novembru 2009 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;  dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti, hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi fosthom in-natura tar-reati in kwistjoni. Hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fedina penali ta’l-imputat li facilment tista’ tigi deskritta bhala refrettarja.

Illi l-Qorti pero’ hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li l-imputat ghadda minn trauma medika li jidher li ghenietu biex jaqbad it-triq tar-riabilitazzjoni legali tant li llum l-imputat sab impjieg ghal kollox estranju ghan-negozju tal-vetturi u l-bejgh taghhom; u anke mill-fedina penali aggornata tieghu jidher li l-ahhar reat (u li ghalih inghata kundanna) kien gie kommess minnu fi Frar tas-sena 2006.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 109, 183, 184, 188 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggih taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tlett snin. In oltre, b’applikazzjoni  ta’l-artikolu 109 tal-Kap 9 qed tordna l-interdizzjoni generali fil-konfront ta’l-imputat, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-imputat iservi bhala xhud hlief quddiem il-Qrati tal-gustizzja, u milli jservi bhala

perit, f'kull kaz li jkun u dan ghal perjodu ta' hames (5) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkometti reat iehor fi zmien tlett snin.

In konkluzzjoni l-Qorti tordna n-notifika lid-Direttur ta'l-Ufficcju tal-Probation biex jigi assenjat ufficjal ghas-sorveljanza ta'l-imputat u notifika lir-Registratur ta' din il-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------